# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 401 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marvin SPERANZA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Ottubru 2017 fil-konfront ta' Marvin SPERANZA, karta tal-identità bin-numru 288576M li ġie mixli:

   Talli fis-26 ta' Marzu 2017 għall-ħabta tas-1:00a.m. ġewwa fond kummerċjali għall-Online Betting bl-isem ta' Net Ent. Gaming li jinsab ġewwa Nikola Montebello, Ħal-Qormi:

   1. Talli bħala persuna li f'dak il-ħin kien responsabbli mill-istess stabbiliment ippermetta jew ħalla li f'dan l-istabbiliment kemm bi nhar jew bil-lejl isiru ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant, rat l-Artikolu 27 A.L. 92/69 u semgħet ix-xhieda, sabet lill-akkużat ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u mmultatu multa ta' €100.

3. Illi minn din is-sentenza Marvin SPERANZA interpona appell permezz ta' rikors datat 16 ta' Ottubru 2017 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha:

> Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u konsegwentement tgħaddi biex tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena skont il-liġi.

Dan wara li saħaq is-segwenti: -

> 1. L-**Ewwel Aggravju** jikkonsisti f'illi l-akkuża miġjuba kontra l-appellant hija legalment insostenibbli:-
>
> Illi jiġi umilment sottomess li l-akkuża kif miġjuba kontra l-appellant Marvin Speranza ma tirriżulta minn ebda liġi u għaldaqstant japplika l-prinċipju ta' "*nullum crimen sine lege*". Illi huwa minnu li l-Qrati tagħna rritenew li ċ-ċitazzjoni mhi xejn għajr "avvizo di comparire" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, però dan ma jfissirx li m'għandhiex tkun imsejsa minn artikolu tal-liġi. Di piu, fil-mument li l-prosekuzzjoni tagħlaq il-provi tagħha, u allura fil-mument li l-akkużat jibda bid-difiża tiegħu, dak l-avviż ma jibqax wieħed informali, iżda jsir l-akkuża propja miġjuba kontra l-akkuża u li għaliha jrid jirrispondi.
>
> Illi f'dan l-aggravju, mhijiex qed tiġi trattata l-ipoteżi fejn l-artikolu tal-liġi ma ġiex ikkwotat, iżda qed jiġi sottomess li l-elementi tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat ma jirrispekkjaw l-elementi ta' ebda artikolu fil-liġi nostrana.
>
> Illi dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-każ **Pulizija vs Philip Schembri**[1] irriteniet dwar il-fatt li ċ-ċitazzjoni għandu jkollha l-fatti tal-akkuża li:-

[1] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Pulizija vs Philip Schembri, 18 ta' Novembru 1994.

*"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb."*

Illi kliem il-Qorti, f'dan il-bran, huwa ċar illi l-akkużat irrid tal-inqas ikun jaf ta' liema <u>reat jew reati</u> qed jiġi akkużat. Bid-dovut rispett, l-ebda reat ma huwa ipotetizzat fl-akkuża kif miġjuba kontra l-akkużat.

Illi b'ċerta ġinnastika mentali u mingħajr preġudizzju għas-suespost, li kieku wieħed kellu bilfors jipprova jsib artikolu tal-liġi, allura l-aktar wieħed viċin li jista' b'xi mod jixbaħ l-akkuża odjerna huwa l-Artikolu 338 (m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè:-

*"**338**. Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –*

*... omissis...*

*(m) bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor"*

Illi anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, dina l-Qorti kellha ssib li dan l-artikolu jirrifletti r-reat ipotezzat mill-prosekuzzjoni, allura l-piena erogata ta' €100 multa mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda erroneja kemm fin-natura tagħha kif ukoll fl-ammont: Fl-ewwel lok, l-artikolu 7(2) (b) tal-Kap 9 jistipola illi l-pieni għall-kontravenzjonijiet hija, *inter alia,* ta' <u>ammenda</u> u mhux multa (kif fil-fatt mogħtija). Fit-tieni lok il-piena wkoll hija waħda erroneja fl-ammont tagħha. Di fatti l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 9 jistipola li:-

*"Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximumtal-ammenda huwa tmienja u ħamsin euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (58.23) u l-minimum sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99)".*

Illi b'hekk, l-ammont ta' piena mogħti mill-Ewwel Qorti jiżboq kważi darbtejn il-massimu permess mil-liġi.

2. Illi **t-Tieni Aggravju** jikkonsisti f'illi ma nġabet ebda prova li l-appellant kien tassew il-bniedem responsabbli mill-istabbiliment de quo:-

Illi l-akkuża miġjuba kontra l-appellant hija *"talli bħala persuna li f'dak il-ħin kont responsabbli mill-istess stabbiliment ...."*

Illi f'dan ir-rigward, il-prosekuzzjoni kellha ġġib il-prova li l-appellant kien tassew responsabbli minn dak l-istabbiliment fil-ħin tal-allegati reati. Fl-affidavit tiegħu, PS 134 Sammut jgħid illi:

*"Minn naħa tiegħu, huwa stqarr mal-pulizija li huwa jaħdem mal-kumpanija bħala 'survelliance' fejn għalkemm huwa ma kienx is-sid tal-post, f'dak il-mument kien hu li kellu r-responsabilita' totali tal-post"*

Illi bid-dovut rispett, l-appellant huwa responsabbli tal-post bħala <u>surveillance</u> u mhux bħala management! Ċioe, huwa kien responsabbli mis-sigurta' tal-post u mhux mill-imġieba tal-impjegati, kif solitament ikun Direttur jew manager. Per di piu, huwa fatt risaput li fil-penali, l-uniċi persuni li jistgħu jinstabu responsabbli ta' dawn it-tip ta' reati huma jew (1) id-Diretturi jew (2) il-licence holders jew substitutes. Di fatti dawn il-Qrati jkollhom diversi kawżi fejn persuni ħallew li jsir tindaqq mużika mill-istabbiliment tagħhom u dawn kollha jkunu il-licence holders u/jew substitutes – li ġieli jinstabu responsabbli minkejja li ma jkunux fuq il-post fil-ħin tar-rapport. Illi l-appellant m'huwiex direttur tas-soċjeta NetEnt u lanqas ma huwa licence holder/substitute (stante li l-attivita' m'hijiex waħda ta' stabbiliment ta' divertiment), iżda huwa sempliċiment surveillance, jew aħjar security, u m'għandu l-ebda awtorita' li jikmanda jew jordna lill-impjegati x'għandhom jew jistgħu jagħmlu.

Illi fit-tieni lok, jingħad ukoll li dik l-istqarrija magħmula mill-appellant ma' PS 134 intqalet f'ambjent fejn ma ngħatax il-*caution* rikjesta mill-liġi u, per conseguenza, l-appellant ma setax ikun jaf li tali stqarrija tista tintuża kontriħ fil-Qorti (kif effettivament seħħ). Inoltre, ġie kkristalizżżat il-prinċipju, illi kwalunkwe stqarrija fejn persuna jinkrimina ruħu, għandha tiġi kkunsidrata b'<u>kawtela kbira</u> mill-Qrati, speċjalment meta din l-istess stqarrija jew ammissjoni tkun <u>l-unika prova</u> miġjuba kontra l-persuna akkużata. Illi f'dan il-każ, din hija l-unika prova li l-pulizija ressqet sabiex tipprova tistabbilixxi ness bejn l-appellant u l-allegata responsabilita' li kellu tal-istabbiliment.

Illi di piu, meta l-parte civile ġie mistoqsi jekk jagħrafx lill-appellant qal li kien raħ xi darba meta xegħel il-generator u li dakinhar li għamel ir-rapport ma raħx fil-post.

Illi ta' min jgħid ukoll li m'hawn ebda soċjeta kummerċjali bl-isem ta' Net Ent. Gaming reġistrata f'Malta u l-istabbiliment m'huwiex fil-pussess ta' soċjeta' b'dak l-isem. Għall-fini ta' korrettezza biss jingħad li s-soċjeta li għandha l-pussess tal-istabbiliment FranXaver Hall hija NetEnt Malta Limited, (isem għal kollox differenti minn dak ikkwotat) u allura, dato ma non concesso li l-Ewwel Qorti kienet raġjonata f'li tieħu tali stqarrija bħala prova sal-grad rikjest mil-liġi, l-istess appellant ma jista' qatt ikun responsabbli ta' soċjeta li ma teżistix!

3. Illi t-**Tielet Aggravju** jikkonsisti f'illi l-Qorti ma ħaditx kont tat-talba magħmula mill-partijiet u għaddiet sabiex tagħmel apprezzament ħażin

tal-fatti:-

Illi fil-bidu tal-kawża, il-konsulent legali tal-parte civile talab lill-Qorti sabiex taħtar espert tekniku sabiex jikkostata l-livell tal-allegati ħsejjes, liema talba ġiet sekondata wkoll mill-appellant. Illi l-Qorti, madanakollu, ma laqgħetx tali talba u għaddiet mal-ewwel sabiex tisma' l-provi.

Illi mistoqsi x'inhuma dawn il-ħsejjes, Rosario Apap qal li huma użu ta' toilets, ċaċliq ta' siġġijiet u passi u tkaken. Bid-dovut rispett u fil-mertu, dawn il-ħsejjes ma jistgħux jammontaw għal "*ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor iddisturbaw lil ġirien*". Illi fl-affidavit ta' PS 134 Sammut, l-appellant jistqarr li f'dak il-mument ma kienx hemm storbju fuq ġewwa. Dan huwa kkorroborat ukoll mill-istess surġent fejn jgħid li "*Ta Min iżied li Speranza laqgħa lilna bħal Pulizija isfel fil-bieb ta' barra, fejn wieħed* ***jista' jgħid b'ċertezza*** *li ma kien jinstema ebda storbju minn barra.*"

Illi b'hekk il-pulizija li kienu fuq il-post, a tempo vergine u li setgħu jikkostataw di persona, jgħid b'ċertezza li ma kienx hemm storbju minn barra. Aktar minn dan, tant kemm ma kienx hemm storbju u ħsejjes, li l-Pulizija <u>ma talabx</u> biex jidħol ġewwa l-istabbiliment u jinvestiga l-allegazzjonijiet magħmula. Illi jekk stess dina l-Qorti ma takkoljiex l-aggravji sopra elenkati, fuq kwistjoni ta' mertu, dan il-fatt biss diġà jimmilita a favur il-liberatorja tal-akkużat. L-akkuża (għalkemm ma tirrispekkja <u>ebda</u> artikolu tal-liġi) hija li dwar ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw il-ġirien. Żgur li PS 134 Sammut ta konferma ċara li <u>ma kienx hemm</u> dawn it-tip ta ħsejjes!

***Ikkunsidrat:***

4. Illi nhar is-26 ta' Marzu 2017, Rosario Apap irraporta l-Għassa ta' Ħal-Qormi fejn maġenb ir-residenza tiegħu fl-indirizz Triq Nikol Montebello, Qormi hemm, stabbiliment jismu *NetEnt Gaming* li kien qiegħed jikkaġunalu inkonvenjent waqt il-ħin tal-mistrieħ tiegħu, partikolarment il-ħinijiet ta' bil-lejl. Mistoqsi dwar il-ħsejjes li kien jisma', il-kwerelant wieġeb li dawn jikkonsistu fi ħsejjes ta' tkaken u tkaxkir ta' siġġijiet. Huwa kien ilu jirraporta dawn il-ħsejjes li skondu kienu qegħdin imarduh.

5. Il-Pulizija marru jagħmlu spezzjoni f'dan l-istabiliment. Hemmhekk iltaqgħu mal-appellant u kelmuħ dwar il-kwerela li kienet saret. L-appellant stqarr li huwa kien jaħdem mal-kumpanija bħala '*surveillance*'. Għalkemm huwa ma kienx is-sid tal-post, biss f'dak il-mument huwa kien responsabbli totalment għaliħ. Irriżulta lill-Pulizija li f'dak il-waqt ma kien hemm l-ebda storbju. Il-Pulizija u l-appellant iltaqgħu barra l-bieb tal-istabbiliment fejn il-Pulizija setgħu jiċċertifikaw li ma kien hemm l-ebda storbju li jinstema' minn barra. Sussegwentement l-appellant tressaq il-Qorti fejn wara li nstemgħu l-provi relattivi hu nstab ħati tal-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat:***

6. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[2] fejn intqal:-

---

[2] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta'

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li

---

Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[3]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

---

[3] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

11. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[5]

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[5] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika***

12.Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

13.Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[6]

***ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[6] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[7]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

16. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn

---

[7] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

17. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

18. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

19. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[8] li l-każ

[8] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

sehħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

20. Il-grad ta' sufficjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[9] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

21. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[10] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

22. Illi din it-tifsira mhix aljena għall-ġurisprudenza Maltija in kwantu anke l-Imħallef William Harding fis-sentenzi tiegħu kien xi drabi jagħmel riferenza għal-kunċett tas-sikurezza meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali

---

[9] ibid.
[10] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

23.Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

24.Huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u dibju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad

li ma ntlaħaqx, u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

***Ikkunsidrat:***

25. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant essenzjalment huwa li hu nstab ħati ta' reat illi hu ma kkomettiex jew aħjar ta' reat li ma jeżistix. Fis-sentenza appellata il-Qorti tal-Maġistrati irreferiet għar-regolament 27 tal-Avviz Legali 92/ tal-1969, ossija l-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 intitolat *Regolamenti dwar ħwienet għall-bejgħ tal-inbid, Birra jew Likuri Spiritużi (Liċenzi, bonordni u Diċenza pubblika)*. Skond ir-regolament 2 ta' din il-leġislazzjoni sussidjarja:-

> Dawn ir-Regolamenti jgħoddu biss għall-ħwienet li fihom jinbiegħu inbid, birra, jew likuri spiritużi sabiex jinxtorbu fil-ħanut stess jew li jinbiegħu f'daqsijiet ta' anqas minn flixkun sħiħ.

26. Ir-regolament 23 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja li jipprovdi r-reat li bih l-appellant ġie mixli, jaqra hekk :

> Ebda persuna bil-liċenza ma għandha tħalli fil-ħanut, la b'inhar u lanqas bil-lejl, kant jew ħsejjes li jistgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u hija għandha tibgħat 'l barra mill-ħanut lil kull min ikun xurban, jew li bi kliem, b'ġesti jew xort'oħra juri li jrid iqajjem storbju.

27. Huwa ċar li r-regolament 2 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja japplika biss għal ħwienet li jbiegħu x-xorb jew likuri spiritużi. Ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri huwa ħanut li jbegħ likuri spirituzi jew xorb alkoħoliku. Ir-reat kontestat lill-appellant għalhekk ma jistax jiġi ritenut li japplika għall-istabiliment mertu ta' dan il-każ.

28. L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk :-

> (1) Meta ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed skont il-liġi għall-arrest ta' persuna imputata ta' reat, il-Pulizija Eżekuttiva għandha, b'ordni bil-miktub, tħarrek lil dik il-persuna biex tidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.
>
> (2) Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.

29. Meta ġew biex jinterpretaw l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, dawn il-Qrati tradizzjonalment għalmu li ċ-ċitazzjoni hija *avviso a comparire.* L-appellant jagħmel riferenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et,***[11] fejn dik il-Qorti, wara li wkoll għamlet eżami tal-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali u għamlet ukoll riferenza għal diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati li ddipartew mill-ġurisprudenza dwar il-karatteristika tal-avviż bħala merament *avviso a comparire*.

30. Kien hemm każijiet fejn dawn il-Qrati iċċensuraw indikazzjonijiet ħżiena fiċ-ċitazzjoni bħal fl-indikazzjoni tal-ħin li setgħu faċilment ġew korretti mill-Prosekuzzjoni fuq talba appożita.[12] Pero kien hemm ukoll każijiet fejn l-aggravji kienu jiċċentraw dwar indikazzjoni ħażina fl-avviż tal-ħin li fih ikun seħħ l-allegat reat (eżempju varjazzjoni b'xi tnax il-siegħa) u li bdew jiġu milqugħa. L-

[11] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.
[12] ***Il-Pulizija vs Nicolai Magrin*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-17 ta' Marzu 2008.

argument imressaq f'dawn il-każijiet huwa li kien dmir tal-Prosekuzzjoni li tara li jekk kien hemm xi żball fl-avviż, din kellha tagħmel talba apposita għall-korrezzjoni tempestivament.[13] Din il-posizzjoni aħħarija ġiet ukoll segwita sussegwentement fil-kawża ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo***[14] nonche fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Rita Theuma***.[15]

31.Fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Michael Camilleri et,***[16] din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet aggravju li kien jilmenta l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lill-imputati ħatja ta' reat li fl-avviż kien indikat li seħħ fi Triq San Duminku kantuniera ma Triq il-Merkanti, Valletta, mentri fil-fatt il-post fejn allegatament seħħ ir-reat mill-provi ħareġ li l-faċċata tal-fond fejn allegatament seħħ ir-reat kien fi Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq San Duminku. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li :

> Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

32.Minn eżami tal-ġurisprudenza jidher li dwar dan il-punt hemm veduti differenti fuq it-tifsira li għandha tingħata lill-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali li jirrifletti wkoll filosofija differenti dwar dak li

---

[13] ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 t'Ottubru 2005.
[14] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[15] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-19 t'Ottubru 2011.
[16] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 t'April 2018.

fin-natura tagħha hija ċ-ċitazzjoni fil-proċediment sommarju. Dawn iż-żewġt posizzjonijiet legali għandhom ukoll veduta differenti dwar min għandu l-oneru jaġixxi fil-każ li jiġi skopert divarju bejn il-kontenut tal-avviż u l-provi riżultanti. Filwaqt li l-posizzjoni ġurisprudenzjali tradizzjonali tipprospetta li ċ-ċitazzjoni hija sempliċi sejħa għal dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bil-konsegwenti proċeduri proprji jkunu bażati fuq il-kwerela jew denunzja li jiġu esposti *viva voce* quddiem il-Qorti, il-posizzjoni aktar reċenti tikkonsidra liċ-ċitazzjoni bħala dokument bażiku għall-imputazzjoni ta' reati kriminali li, għalkemm trid tiġi moqrija fil-Qorti, xorta waħda fin-natura tagħha tfassal l-imputazzjoni li tista' twassal għall-eventwali kundanna li magħha tinġarr sanzjoni penali. In kwantu tali, dan id-dokument kellu jkun redatt b'mod korrett u dan id-dmir jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha wkoll id-dmir tara li l-provi miġjuba minnha jkunu jaqblu ma dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li, fi stadju opportun, titlob korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tkompli għaddejja bil-provi tagħha fil-każ.

33. Din il-veduta aktar reċenti żżomm quddiem għajnejha l-fatt li r-realta legali Maltija attwali hija differenti minn dik li kienet prevalenti fi żminijiet ta' qabel peress li illum il-Qorti tal-Maġistrati għandha kompetenza oriġinali li tista' twassal għal sentenzi ta' priġunerija ta' mhux aktar minn sentejn. Għalhekk il-proċediment sommarju tal-lum jolqot firxa ferm aktar wiesa' ta' reati kriminali li wħud minnhom, fi żminijiet passati setgħu jiġu mmexxija biss

b'ġuri. B'hekk diversi reati li aktar minn mitt sena ilu kienu jiġi trattati bil-forma solenni tal-att tal-akkuża, illum il-maġġor parti tagħhom huma trattati bil-forma aktar sempliċi taċ-ċitazzjoni u fil-każijiet kongruwi segwita bin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

34. Apparti minn hekk anke grazzi għall-iżviluppi li saru fil-qasam tal-jeddijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dak li jipprevedi l-artikolu sitta (6) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, nonche l-każistika dejjem tikber maħruġa mill-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu dejjem tisħaq fuq l-importanza ta' proċess kriminali ġust sa minn qabel ma persuna tkun tresqet il-Qorti. Dawn l-iżviluppi wkoll kienu impensabbli aktar minn mitt sena ilu.

35. Mill-banda l-oħra, l-ġurisprudenza tradizzjonali għandha l-egħruq tagħha mhux biss fil-prattiċi legali Maltin kif bażati fuq is-sistema proċedurali Ingliż li minnu l-att ġudizzjarju taċ-ċitazzjoni ġie meħud. L-*iter* travaljat ta' dan l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ġie traċċat mill-Imħallef William Harding fis-sentenza mogħtija minnu presjedenti l-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Arthur S. Mortimer*** deċiża nhar is-6 ta' Diċembru 1948. Huwa jispjega li l-artikolu 360(2)[17] kien ġie miżjud bl-Ordinanza IX tal-1911. Qabel din iż-żieda dan l-artikolu kien jipprovdi biss li meta ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex persuna titressaq bl-arrest, il-Pulizija

[17] Fi żmienu l-artikolu 372(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Eżekuttiva kellha tħarrek lill-imputat b'ordni bil-miktub sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja.

36. Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Spiru Spiteri*** deċiża nhar it-18 ta' Marzu 1955 l-Imħallef William Harding spjega wkoll li fis-sentenza ***Terreni vs Gabaretta***, deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta'Ġunju 1880 il-posizzjoni dwar iċ-ċitazzjoni dak iż-żmien kienet illi ma kienx indispensabbilment neċessarju li l-Qorti tal-Maġistrati żżomm strettament u preċiżament mat-termini oriġinali taċ-ċitazzjoni anche meta l-proċediment ikun *ex officio*. Sir Antonio Micallef żied jgħid ukoll li l-Qorti setgħet fi kwalunkwe każ serenament tistrieħ fuq il-provi riżultanti wara li tkun ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni; b'dan illi jekk il-Qorti jkun jidhrilha meħtieġ jew jekk issirilha talba għal dak il-għan mill-imputat, hija kellha takkorda ftit żmien lill-imputat biex ikun jista' jħejji d-difiża tiegħu fuq dak li jkun irriżulta mill-provi.

37. Bil-bidla li kienet saret fl-1911, din il-posizzjoni legali dwar l-għan taċ-ċitazzjoni ma nbidletx. Dak li kien inbidel huwa l-forma tagħha intiża biex tipprovdi lill-imħarrek aktar dettalji b'mod li huwa jkun jaf aħjar dwar dak li jkun ġie mħarrek dwaru.

38. Mid-dibatti tal-Kunsill tal-Gvern li waslu għal din l-emenda jirriżulta li l-iskop wara din l-emenda ma kienx li jibdel dak li sa dak iż-żmien kienet il-posizzjoni legali relattiva għaċ-ċitazzjoni u ċjoe li tkun isservi biss ta' mezz li bih persuna tiġi preżentata quddiem l-awtorita ġudizzjarja; u mingħajr ma din iċ-ċitazzjoni tiġi mqiegħda

fuq l-istess livell tal-att tal-akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Ma kienx intiż li ċ-ċitazzjoni tingħata l-forma solenni li kellu jingħata lill-att tal-akkuża. Anzi skont l-Avukat tal-Kuruna li pparteċipa fid-dibattiti dwar din l-emenda saħaq li ċ-ċitazzjoni ma kellhiex tkun meqjusa bħala intimazjoni ta' imputazzjoni – *La citazione nella sua essenza non e' la intimazione di una imputazione* – ġie kwotat jgħid. Anżi huwa proċediment differenti minn dak li jsir quddiem il-Qorti Kriminali in kwantu huwa proċediment sommarju. L-Avukat tal-Kuruna saħaq li l-imputazzjoni vera hija dik li tiġi proposta quddiem il-Qorti *viva voce* mill-Prosekuzzjoni kontra tal-imputat. Id-dibattitu bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ma jseħx grazzi għaċ-ċitazzjoni iżda jseħħ quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-kwerela u bl-esposizzjoni tal-fatti magħmula quddiem il-Qorti da parti tal-Uffiċjal Prosekutur. Bis-sistema viġenti qabel l-1911, l-imputat kien jirċievi ċ-ċitazzjoni mingħajr ma kien ikollu indikazzjoni biżżejjed biex ikun jaf għal xiex ried jirrispondi quddiem dik il-Qorti u għalhekk kien jinħela l-ħin f'differimenti biex ikun jista' jipprepara u jiddefendi ruħu. Kien għalhekk li l-Avukat tal-Kuruna kien ħass li kien aktar għaqli li filwaqt li ċ-ċitazzjoni tibqa' dejjem dokument li bih imputat jiġi msejjaħ jidher il-Qorti, fl-istess waqt kien meħtieġ li l-imputat ikollu informazzjoni biżżejjed minn qabel biex ikun jaf b'xiex inhu mixli biex b'hekk jitla' l-Qorti preparat għall-kawża tiegħu.

39. Kemm fis-sentenza ***Mortimer*** kif ukoll fis-sentenza ***Spiteri*** l-Imħallef Harding imbagħad jiċċita s-sentenza tal-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża ***La Polizia vs Ashby***

deċiża fit-12 t'Awissu 1917 fejn l-Imħallef Sir Luigi Camilleri kien iddeċieda li l-indikazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali **ma kienux essenzjali**. Iċ-ċitazzjoni ma kienet xejn ħlief l-ordni mogħtija mill-Pulizija lill-imħarrek sabiex huwa jidher il-Qorti f'data u ħin mogħtija lilu meta ma jkunx hemm lok li huwa jittieħed il-Qorti taħt arrest. Dak kien l-iskop u l-karattru essenzjali taċ-ċitazzjoni. L-emendi li kienu saru fl-1911 ma kienux tali li jibdlu din il-posizzjoni legali għalkemm kienu intiżi biex jagħtu aktar informazzjoni lill-imħarrek biex qabel jitla l-Qorti jkun jista' jipprepara d-difiża tiegħu.

40. L-Imħallef Harding f'dawn iż-żewġt kawżi jtenni li din hija interpretazzjoni li hija konsonanti mal-interpretazzjoni mogħtija lill-kunċett taċ-ċitazzjoni skont il-Liġi ingliża li minnha l-Liġi Maltija hija mnissla. Huwa jtenni li ma jistgħux jitqajmu u jintlaqgħu oġġezzjonijiet għal difetti fil-forma jew fis-sustanza tal-avviżi. Dak li kellu dritt għalih l-imputat fl-avviż huwa *reasonable information as to the nature of the charge*. ***Reasonable*** trid tiġi mifhuma fil-kuntest taċ-ċitazzjoni, *ergo* fil-kuntest ta' proċediment sommarju. Jekk tirriżulta varjanza tali li l-Ġudikant jidhirlu li minħabba fiha l-ġudikabbli jkun ġie ***decieved or misled*** allura f'dak il-każ, il-ġudikabbli jkollu dritt li jitlob, u jingħata mill-Qorti, differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jipprepara d-difiża tiegħu minħabba l-varjanza li tkun irriżultat. U huwa għalhekk li ma tistax tiġi invokata n-nullita taċ-ċitazzjoni sempliċiment minħabba li jkun hemm differenza, ***variance*** bl-Ingliż, bejn l-avviż u l-provi li jitresqu fil-kawża.

41. Apparti minn hekk il-Liġi tippermetti wkoll li jsiru korrezzjonijiet f'dawn il-partikolaritajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fil-kwereli. Dan ukoll ġie deċiż mill-Imħallef Harding fis-sentenza tiegħu ***Consiglio Mangion nomine vs Turu Callus et*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 t'April 1948. L-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali bl-ebda mod ma jostakola tali korrezzjonijiet. Għal massimu f'każ ta' talba għal korrezzjoni l-imputat ikollu dritt li jitlob, u jaqla' differiment tal-udjenza biex ikun jista' jirregola ruħu. Il-loġika wara din il-posizzjoni hija wkoll għaliex jekk minħabba tali varjanzi l-imputat ikun ġie *misled* jew *deceived*, huwa għandu dritt li jkollu żmien jiddefendi ruħu. Apparti minn hekk il-Kodiċi Kriminali kien jippermetti korrezzjoni tal-att tal-akkuża, dokument solenni a differenza taċ-ċitazzjoni. Għalhekk kien ikun illoġiku li jkun hemm *technical strictness* akbar fil-każ taċ-ċitazzjoni li huwa dokument mhux solenni, mentri jkun hemm lok għal possibilta ta' korrezzjoni fil-każ ta' dokument solenni bħal ma huwa l-att tal-akkuża.

42. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Toni Mifsud*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati nhar is-16 ta' Mejju 1953, dik il-Qorti presjeduta wkoll mill-Imħallef William Harding daħlet fil-kontroversja meta jkun hemm diskrepanza fil-ħin indikat fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta mill-provi. F'dan il-każ, dik il-Qorti ddeċidiet li l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li fiċ-ċitazzjoni jingħataw partikolaritajiet dwar iż-żmien. B'dan il-Liġi riedet tifhem li ż-żmien setgħa jiġi

kostittwit mix-xahar u mill-ġurnata jew mid-data tax-xahar u mis-sena iżda mhux neċessarjament ukoll mill-ħin – għalkemm dan ikun għaqli biex l-informazzjoni fiċ-ċitazzjoni tkun kemm jista' jkun ċara u univoka.

43. Kif imtenni fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Bartoli*** deċiża minn dik il-Qorti nhar it-8 ta' Jannar 1938 l-att taċ-ċitazzjoni tnissel mill-Liġi ingliża li kienet teħtieġ li ċ-ċitazzjoni jkun fiha *reasonable information as to the nature of the charge*. U li jekk b'dik l-informazzjoni skorretta l-imputat kien iħoss li ġie *misled* jew *deceived*, huwa dejjem kellu l-jedd li jitlob li jingħata differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi lilu nnifsu aħjar. F'dak il-każ, irriżulta li l-imputat kien ikkontesta l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kien wera ben tajjeb li kien jaf għall-liema ċirkostanzi l-imputazzjoni kienet tirreferi u għalhekk ma kienx hemm lok li l-aggravju tiegħu fuq id-difett fiċ-ċitazzjoni jiġi milqugħ.

44. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Spiru Spiteri*** aktar il-fuq imsemmija kienet saret talba għal bidla fl-imputazzjonijiet billi mad-data tiżdied il-frażi "fl-aħħar tliet xhur qabel". Din it-talba **saret wara** li kienu ingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiża oġġezzjonat għal tali bdil iżda l-Qorti tal-Maġistrati kienet laqgħet it-talba għal tali bdil. Dan wassal għal dak l-appell. Il-Qorti Kriminali, presjeduta mill-Imħallef William Harding, ħadet l-istess posizzjoni bħal fil-kawżi ***Mortimer,*** ddeċidiet li l-posizzjoni dwar l-avviż bħala *avviso a comparire* kienet konsolidata b'diversi ġudikati tal-appelli kriminali fosthom ***La Polizia vs Debono*** tat-12 ta' Jannar

1918, ***Carabott vs Galea*** tat-12 t'Awissu 1918, ***Il-Pulizija vs Carmelo Mariani*** deċiża 12 ta' Ġunju 1942, u tal-Qorti Kriminali kolleġjalment komposta fl-ismijiet ***Ir-Reġina vs Cutajar*** tat-13 ta' Diċembru 1954. Dik il-Qorti ddeċidiet li, in bażi għal dak stabbilit bil-kawża ***Ashby***, iċ-ċitazzjoni ma tistax titqabbel mal-att tal-akkuża u n-nuqqas ta' partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali ma kienux iġibu n-nullita taċ-ċitazzjoni, liema nuqqas jista' biss jintitola lill-imputat li jitlob u jottjeni differiment sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

45. Biss dwar il-punt aktar kontrovers dwar jekk tali korrezzjoni setgħetx issir wara li l-Prosekuzzjoni tkun għalqet il-provi tagħha, dik il-Qorti Kriminali iddeċidiet li fi proċediment sommarju ma hemm xejn li jżomm lill-Ġudikant li:

> għal raġuni ġusta, u anke l-Qorti "marte proprio" tordna li jerġa jinfetaħ is-smiegħ, sia pure biex titbiddel l-imputazzjoni kif sar f'dan il-każ; basta tingħata, kif ingħatat f'dan il-każ, l-opportunita ta' differiment, jekk l-imputat irid dan id-differiment.

46. Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali eżerċenti funzjoni t'appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Marzu 1954 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Frank Borg***, kienet qalet li :

(a) l-kunċett li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni hija ordni ta' komparizzjoni kien saret kwistjoni ta' *jus receptum*;

(b) l-enuċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha mhix il-bażi essanzjali u assoluta tal-inkriminazzjoni;

(c) l-Qorti setgħet issib ħati imputat ta' reat divers minn dak li jidderiva minn dik l-enunċjazzjoni u li jkun irriżulta mill-provi li

seħħ – basta li, jekk jagħmel talba apposita, l-imputat ikun jista' jingħata żmien biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor;

(d) din il-kawża wkoll kienet ippermettiet bidla fl-avviż wara li kienu ingħalqu l-provi mill-Prosekuzzjoni.

47. Din il-posizzjoni legali relattiva għall-istatus legali taċ-ċitazzjoni bħala merament *avviso a comparire* baqgħet tiġi segwita mill-Qrati Maltin kostantement, inkluż kważi verbatim mill-Imħallef Wallace Gulia fil-kawża ***Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-19 ta' Ġunju 1989.

48. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Godwin Agius*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar id-9 ta' Jannar 2003 kienet ukoll għamlet riferenza għal diversi sentenzi preċedenti u qalet hekk : -

> 6. Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirreferi ghal dak li qalet din l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Mario Bezzina moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:
>
> "F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:
>
> "'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.'
>
> "Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:
>
> "'L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948

fl-ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba l-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni principali tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Noel Zarb Adami)."

"U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl- ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:

"'Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal- proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall- imputazzjoni dedotta.

"'.....

"'Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l- ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal- Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic- citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."

"Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li ccitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis- sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Schembri moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din ilQorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

"'Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il- htiega ta' tigbid ta' kliem jew

immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.'"

7. Fil-kaz in ezami, huwa minnu li fic-citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-hin, izda l-artikolu 360(2) ma jirreferix ghall-"hin" tar-reat izda ghaz-"zmien" u c-citazzjoni effettivament taghti indikazzjoni taz-"zmien" meta allegatament sehh ir-reat in kwistjoni meta tghid "f'dawn l- ahhar gimghat" li naturalment jigu kalkolati lura mid-data tac-citazzjoni (is-6 ta' April 2011). Huwa minnu li fic- citazzjoni m'hemmx indikazzjoni tal-lok fejn allegatament sehh ir-reat izda, apparti li l-appellant kien jaf ben tajjeb ghal liema xatba kienet qed issir referenza fic-citazzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza sucitata, tali nuqqas ma jwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni jew tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza. Konsegwentement it-talba ta' l-appellant biex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla hi michuda.

49.Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 t'Awissu 2003 ġie deċiż illi :

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l-imputazzjonijiet kienu nieqsa mid- dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c-cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r-referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f'kull imputazzjoni ma hi xejn cara. Pero`, kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, in-nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anqas ma jwassal necessarjament ghall-liberazzjoni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzjonijiet, l-imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l- ilment a konjizzjoni tal-qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li jkun sema' l-provi tal- prosekuzzjoni, jitlob differiment jew posponiment biex ikun f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li jsir f'kull kawza (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377(1) tal-Kodici Kriminali). S'intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b'cirkospezzjoni kbira u biss f'kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il- prosekuzzjoni tkun ressqet l-imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360(2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe` sabiex l-imputat jigi preparat f'ewwel jum tas-

smigh bid-difiza u bil-provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel gurnata tas-smigh. Issa, fil-kaz in dizamina ma ghandniex kawza sommarja, izda kumpilazzjoni. Fi kliem iehor il- provi ingabru fuq numru ta' granet, u mill-provi mismugha wiehed seta' facilment jifhem il- "post", il-"hin" u c- "cirkostanza" ta' kull imputazzjoni. Meta, ghalhekk, l-appellant Zahra gie biex jaghmel id-difiza tieghu huwa kien jaf ezattament b'liema fatti kien qed jigi imputat, u liema kienu r-reati li kienu qed jigu ipotizzati fil-konfront tieghu (u dan, naturalment, aktar u aktar wara n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali). Ghalhekk dana l-aggravju ta' l-appellant qed jigi respint.

50. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Portelli*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Marzu 1992, ġie deċiż li n-nuqqas tal-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma kienetx iġġib in-nullita taċ-ċitazzjoni; għalkemm id-difett tagħhom jista' jġib in-nullita' fil-każ li jirrendi l-imputazzjoni inċerta. Iċ-ċitazzjoni pero xorta kienet tirrikjedi li jkun fiha fatti tal-akkuża li tiġbor fiha r-reat jew reati ipotizzati u li eventwalment ikunu jridu jiġu moqrija fil-Qorti mill-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali skont il-każ. Iċ-ċitazzjoni għalhekk xorta waħda ried ikollha fiha l-fatti li juru ċar ir-reat li bih persuna tkun qed tiġi mixlija u dan għandu jsir mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni u b'tali mod li l-imputat ikun jaf dwar liema reat jew reati jkun qed jiġi mixli bihom u għal liema reat għandu jwieġeb.

51. Fil-kawża ***Il-Pulizija vs Joseph Zammit*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Jannar 2016, ġie deċiż li għalkemm ma kienx hemm dubju li "għall-ħabta tal-11.00" mhuxwiex l-istess bħal "għall-ħabta ta 14.00", l-anqas ma kien

hemm dubju li l-appellant kien jaf sew għall-liema inċident il-każ kien qiegħed jirreferi. Apparti minn hekk fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Alfred Grixti*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-26 ta' Marzu 2018 differenza fil-komparixxi bejn l-isem Mary u Maria kienet ritenuta bħala li ma taffettwax l-imputazzjoni u l-aggravju relattiv ġie miċħud.

52. Minkejja l-iżviluppi li saru fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati, u fil-kamp tad-drittijiet tal-bniedem, il-Liġi Maltija xorta baqgħet imfassla fuq il-prinċipji li Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tinvestiga u tixli lil persuni suspettati li jkunu wettqu reati kriminali li jkunu jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati jew bl-arrest jew bil-mezz taċ-ċitazzjoni skont il-każ. Il-Liġi regolanti ċ-ċitazzjoni u l-konsegwenti proċedura applikabbli baqgħet sostanzjalment l-istess minkejja d-differenza fil-kompetenza aktar il-fuq imsemmija.

53. Ladarba l-Prosekuzzjoni tixli, hija għandha r-responsabbilta' li tara li dak li tixli bih ikun korrett. Jekk iċ-ċitazzjoni jkun fiha ineżattezzi jew żbalji, dawn fihom infushom ma jġibux in-nullita taċ-ċitazzjoni jew tas-sentenza. Iżda l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jara li jekk ikun hemm tali żbalji jew ineżattezzi, dawn għandhom jiġu korretti. Dan huwa possibbli u l-ġurisprudenza relattivament reċenti issaħħaħ dan. Fil-fatt fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Glen Debattista*** tat-23 ta' Diċembru 2003 din il-Qorti diversament presjeduta saħqet hekk : -

L-appellant ghandu bazikament tlett aggravji, li ser jigu kkunsidrati seriatim. L-ewwel aggravju hu fis-sens li "l- akkuza" kienet nulla, u dan peress li fic-citazzjoni ma kienx hemm indikazzjoni "tal-fatti" kif preskritt fl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Kif spiss gie ritenut minn din il-Qorti – u kif inhi, del resto, prassi inveterata – ir-rekwizit ta' "il-fatti ta' l-akkuza", imsemmija fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, ikun sodisfatt jekk il-prosekuzzjoni tuza il-kliem testwali tad-disposizzjoni tal-ligi li tohloq ir-reat li jkun qed jigi ipotizzat bl-imputazzjoni. Huwa veru li l-prosekuzzjoni setghet, ghal aktar kjarezza, tghid fl-imputazzjoni li l-att awtentiku u pubbliku in dizamina kien licenzja ta' vettura (il-kelma "licenzja" tissemma biss fit-tieni imputazzjoni); pero` tali karenza ma ggibx in-"nullita`" tal-akkuza – sia jekk ta' l-akkuza (jew, ahjar, imputazzjoni) per se u sia jekk tac-citazzjoni. Kif ukoll gie ritenut diversi drabi, minkejja l-emenda introdotta bl-Ordinanza IX ta' l-1911, ic- citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux il-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzjoni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis- subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil- paragrafu (c) tal-Artikolu 375 (u fil-kaz tal-Qorti Istruttorja, meta r-rapport jigi konfermat bil-gurament fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 390(1)). L-iskop tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 hu sabiex l-imputat ikun mill-bidu nett f'posizzjoni li jkun jista jiddefendi ruhhu adegwatament, b'mod ukoll li f'kawzi sommarji huwa jressaq il-kaz u l- provi tieghu fl-istess gurnata li jitressaq quddiem il-qorti u s-sentenza tinghata wkoll f'dik il-gurnata (Art. 377(1)). Ghalhekk, jekk "il-fatti ta' l-akkuza" ikunu gew redatti b'tali mod li l-imputat ma jkunx jaf b'xhiex qed jigi verament akkuzat, sia ghal dawk li huma fatti u sia ghal dik li hija ligi, huwa jista' jew igib din il-lanjanza a konjizzjoni tal-qorti sabiex il-qorti tordna lill-prosekuzzjoni tkun aktar cara jew, wara li l-prosekuzzjoni tkun ghalqet il-kaz taghha – u allura l-imputat ikun certament jaf x'inhuma l-fatti li jkunu qed jigu imputati – jitlob differiment biex ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu. Mid-diversi verbali registrati quddiem il-Qorti Inferjuri imkien ma hemm l-icken indikazzjoni li l-appellant, allura imputat, ma kienx jaf, jew ma setax ikun jaf wara d-deposizzjoni tax-xhieda principali WPS Marisa Bartolo u l-Ispettur Stephen Mallia, x'kienu l- fatti li kienu qed jigu imputati fil-konfront tieghu. Ghalhekk ukoll b'ebda mod ma jista' jinghad li l-appellant gie pregudikat fid-difiza tieghu. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva li l-posizzjoni hija differenti meta si tratta tal-forma aktar solenni tal-Att ta' Akkuza fil-Qorti Kriminali – hawn il- legislatur kjarament jiddistingwi bejn "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat" u "r-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi" – paragrafi (c) u (d) tal-Artikolu 589. Pero` anke hawn tista' issir korrezzjoni skond ma jipprovdi l-Artikolu 597 tal-Kodici Kriminali, salv ghas-sitwazzjoni prevista fil-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Konsegwentement dan l-aggravju qed jigi respint.

54. Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni adottata mill-Imħallef Harding fis-sentenzi tiegħu fejn saħaq li l-ġurisprudenza regolanti ċ-ċitazzjoni, bażata kif inhi fuq il-*ius receptum,* tisħaq fuq il-fatt li fejn ikun hemm diskrepanza bejn dak imniżżel fiċ-ċitazzjoni għal dak li jirriżulta fil-kwerela u quddiem il-Qorti, huwa dak li jirriżulta quddiem il-Qorti li jipprevali u mhux dak li jkun miktub fiċ-ċitazzjoni, sakemm ma jkunx hemm diskrepanzi kbar tali li l-akkuża ma tkunx sostenibbli. Dak li l-imputat fi proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[18] għandu dritt għalih huwa li, meta jirriżulta li hemm diskrepanza bejn dak li hemm fiċ-ċitazzjoni u dak li jirriżulta mill-provi, jingħata l-opportunita li jiddefendi ruħu dwarha, u dan sakemm dik id-diskrepanza, ossija *variance* ma tkunx tirrendi l-imputazzjoni tant inċerta li allura tkun nulla minnha nnifisha.

55. Għal dan il-għan l-Uffiċjal Prosekutur għandu dmir li jitlob li ssir il-korrezzjoni relattiva filwaqt li l-imputat ma għandux dritt li jwaqfu milli jagħmel tali talba għal korrezzjoni jew saħansitra jikkontendi li l-avviż huwa null. F'dak il-każ l-imputat għandu dritt jitlob differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu aħjar.

56. Dan għaliex jekk tirriżulta li xi wieħed minn dawn il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jkunx jaqbel mal-provi prodotti, dan ma jġibx in-nullita tal-avviż. Ikun ifisser li dak li l-imputat ikun irid jirrispondi għalih u jiddefendi ruħu minnu

[18] skont l-artikolu 374(*i*)(i) kif ukoll reż applikabbli għal proċedimenti *ex officio* bl-artikolu 375(c) jew bl-artikolu 390(1) tal-Kodiċi Kriminali fil-proċedimenti istruttorji.

irid ikun b'riferenza għal dawk il-fatti li jirriżultaw mill-provi. U huwa għalhekk li, fi proċediment sommarju fejn id-differimenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, l-imputat ikun jista' jitlob li jingħata differiment tal-udjenza sabiex ikun jista' jirregola ruħu u jiddefendi ruħu b'dawk iċ-ċirkostanzi ġodda li jkunu rriżultaw u dan biex jiġi evitat kwalunkwe ombra li biha jkun jista' jiġi *deceived* jew *misled*. Dment li huwa jingħata l-opportunita sħiħa li jiddefendi ruħu mill-istat li jkun irriżulta mill-provi, l-imputat ma jistax iressaq ilment.

57. Kienet tkun storja differenti kieku ma kienx hemm biss *variance*, iżda differenzi jew diskrepanzi kbar jew sostanzjali bejn il-partikolaritajiet imsemmija fl-avviż u dak riżultanti mill-provi. *Variance* tfisser li jkun hemm xi differenzi bejn l-allegazzjoni u l-evidenza u mhux differenzi tant kbar li jistgħu joħolqu jew iwaslu għal reat jew reati differenti jew għal nuqqas ta' reat. Għalhekk jekk l-iżball jew varjanza fiċ-ċitazzjoni tkun tant kbira bejn il-fatti imputati u dawk riżultanti li jirrendu l-azzjoni inċerta, mhux ċara, jekk mhux ukoll kontradittorja, dwar jekk ir-reat ikunx seħħ, fejn ir-reat ikun seħħ jew jekk kienx l-imputat li wettaq ir-reat mill-lok jew ċirkostanzi msemmija fil-provi,[19] allura ma jkunx jista' jingħad li kien hemm sempliċi varjanza fis-sens tal-ġurisprudenza ċitata aktar il-fuq u l-azzjoni ma tkunx tista' titmexxa għax il-parametri tal-

[19] Ara ***Il-Pulizija vs Joseph Calleja et,*** Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża fil-5 ta' Frar 2016 fejn il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat li kien qiegħed jikkommetti reat minħabba storbju ġenerat minn generator ta' bastiment li kien jinsab f'baċir numru 5 tat-Tarzna mentri mill-provi fattwali u tekniċi rriżulta li l-ħsejjes disturbanti kienu ġejjin minn parti oħra tal-port, possibilment minn baċir numru 6 u ġenerati minn bastiment ieħor li ma kellux x'jaqsam la ma' dak imsemmi fl-avviż u l-anqas mal-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni.

azzjoni jkunu inbidlu radikalment – ħaġa li bl-iżvilupp tal-proċedura penali u tad-drittijiet tal-bniedem ma jistax jiġi ritenut aċċettabbli fis-sistema legali Malti tal-lum. F'dan il-każ pero il-varjanza kienet żgħira u suffragata mill-provi riżultanti, inkluż mill-azzjoni u x-xiehda tal-appellant innifsu u mix-xiehda tal-prosekuzzjoni u tal-parte civile. Għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

58. F'dan il-każ il-pern tal-imputazzjoni hija bażata fuq allegazzjonijiet ta' ħsejjes ġenerati minn stabbiliment bi nhar jew bil-lejl li setgħu idejqu jew jiddisturbaw lil ġirien. Issa kif intqal aktar il-fuq huwa minnu li l-imputazzjoni dedotta mill-Prosekuzzjoni kienet bażata fuq regolament li strettament ma ġiex pruvat li kien japplika għall-ġeneru tan-negozju tal-istabbiliment f'dan il-każ. Iżda kif l-abbli Avukat Difensur indirettament irrikonoxxa fir-rikors tal-appell tiegħu, minkejja dan, xorta waħda kien perfettament possibbli għall-appellant li jagħraf li l-fatt li kien qiegħed jiġi allegat li huwa kkommetta setgħa jsib ruħu konfigurat taħt xi reat ieħor fil-Liġi Maltija. Huwa komuni fil-kamp penali li minn fatt wieħed joħorġu aktar minn reat wieħed li jkunu simili fl-isteżura tagħhom jew f'dak li jkunu jridu li jiġi sanzjonat. Hekk ukoll f'dan il-każ.

59. Il-fatti pruvati f'dan il-każ setgħu ukoll jagħtu lok għal sejbien ta' ħtija taħt ir-reat kontravvenzjonali ta' min, bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor skont l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk filwaqt li din il-Qorti taqbel illi l-appellant ma setax jiġi misjub ħati taħt ir-regolament 23 tal-

Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti trid tqis li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib ħtija taħt l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali jekk mill-provi prodotti kienu jirrużultawlha l-estremi tal-kommissjoni ta' dak ir-reat.

***Ikkunsidrat:***

60. Illi l-prova dwar il-ħsejjes jew id-disturb sofferti mill-parte ċivile, tistrieħ prinċipalment fuq ix-xiehda tal-parte civile. Rosario Apap jilmenta dwar l-istorbju li jkun ġenerat mill-istabbiliment de quo matul il-ġurnata; iżda l-akbar ilment tiegħu ċjoe dak li l-iktar li jaffetwawħ u li huwa ma felaħx jissaporti aktar, kien dak li kien jirriżulta fil-ħin ta' bil-lejl tant illi jxekklu milli jorqod. Apap jixhed li l-ħsejjes disturbanti jikkonsistu f'taptip tat-tkaken tan-nisa, tkaxkir tas-siġġijiet u tisbit tas-sedil tat-*toilet,* fejn xi kultant anke jistema' wkoll il-*flushing* nonche ħsejjes oħra attribwibbli għall-kamra tal-banju.

61. Rosario Apap jixhed li kien ilu ħames snin b'dawn il-problemi u ċjoe kemm kien ilu miftuħ dan il-ħanut tal-*Gaming.* Dan id-disturb kien sar serju ħafna għalih għax ma kienx qiegħed iħalliħ jorqod bil-lejl u jgħid ukoll illi '*qatluħ bl-inkwiet*' u '*ħadulu saħħtu*'.[20] Apap jgħid li ilu jbagħti minħabba dawn il-ħsejjes tant illi għamel diversi rapporti mal-Pulizija fejn xi wħud minnhom ġew ukoll imsarfa fi proċeduri fil-Qorti.

[20] Folio 33 mill-atti proċesswali formanti parti mid-deposizzjoni tax-xhieda tal-kwerelant Rosario Apap.

62. Minn naħa tiegħu l-appellant jilqa' għal dak li jgħid il-parte civile billi jirreferi għall-affidavit tal-Pulizija sabiex iwaqqa' l-kredibbilta' tax-xiehda ta' Rosario Apap billi jtenni li meta l-Pulizija marru jispezzjonaw il-fond, irriżultalhom illi ma kien hemm l-ebda ħsejjes u li dawn ma setgħux jinstemgħu **minn barra**. Madankollu, din l-osservazzjoni tal-Pulizija ftit li xejn ixxejjen dak li xehed Apap u dan peress illi l-ħajt diviżorju tal-fond ta' Apap imiss ma' dik fejn jinstab l-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri. Di piu' il-Pulizija ma daħlux **fil-fond** ta' Apap biex ikunu jistgħu jikkonstataw huma stess dak li Apap kien qiegħed jilmenta minnu fil-post fejn Apap jilmenta li kien jisma' l-ħsejjes disturbanti. L-anqas ma jidher li l-Pulizija setgħu għalhekk japprezzaw il-livell tal-ħsejjes nonche l-livell tad-disturb rekat u allegat minn Apap - jekk dan kien il-każ.

63. M'hemm l-ebda dubbju li l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan l-allegat disturb riedet issir mhux biss minn barra tal-fond de quo iżda wkoll mill-fond tal-parte civile stess. Huma riedu li jqegħdu lilhom infushom fis-sitwazzjoni ta' Rosario Apap, f'ċirkostanzi fejn l-appellant ikun għaddej bin-negozju normali tiegħu, u għalhekk f'kuntest fejn huwa ma jkunx jaf li jkun hemm il-Pulizija qegħdin jistħarġu jekk kienx hemm ħsejjes disturbanti. Altrimenti jkun inutli li l-Pulizija jmorru fuq il-post għax jekk il-ġudikabbli jkun avżat minn qabel, faċilment huwa jieħu dawk il-prekawzjonijiet biex ma jinqabadx. Mill-banda l-oħra jekk matul il-kors tal-investigazzjoni tagħhom il-Pulizija jaċċedu għall-ambjenti fejn il-kwerelant ikun qiegħed jilmenta minn dawn il-ħsejjes, huma jkunu

jistgħu ukoll jikkonstataw kemm fil-fatt il-kwerela tkun ġenwina o meno. Dan għaliex jekk il-Pulizija, imqegħda fl-istess ambjenti u ċirkostanzi tal-kwerelant mingħajr mal-ġudikabbli jkun avżat minn qabel, jikkonstataw li fil-fatt ma jkunx hemm ħsejjes ta' natura tali li jistgħu jitqiesu li huma disturbanti minħabba n-natura, l-entita, l-intensita tal-livell, ir-repetittivita tagħhom eċċetra, allura huma wkoll ikunu xhieda ammissibbli dwar dak li huma setgħu ipperċepew direttament u personalment permezz ta' wieħed mis-sensi tagħhom. Huma jkunu jistgħu għalhekk jassumu l-kwalita ta' xhieda okulari bl-istess mod bħal kull persuna oħra, inkluż il-kwerelant. U fejn l-ilment ikun wieħed kontinwu jew spiss, dan ix-xogħol da' parti tal-Pulizija jkun irid isir mhux biss f'okkażjoni ta' darba.

64.Id-determinazzjoni dwar jekk u kemm ġew ġenerati ħsejjes disturbanti, il-kwistjoni tibqa' li trid tiġi determinata jekk tali ġenerazzjoni ta' ħsejjes kienetx tali li tintegra r-reat in kwistjoni. B'xorti ħażina f'pajjiż żgħir bħal Malta, numru kbir ta' nies iridu jaqsmu spażji limitati ħafna. Bosta drabi huwa ferm diffiċli l-interessi varji tal-membri tas-soċjeta jiġu rikonċiljati flimkien b'mod partikolari fejn, bħal fil-każ in eżami, hemm interessi differenti – dak tal-kwerelant li jgħix f'daru bla biża u inkonvenjent u dak tal-appellant li jkun jista' jħaddem in-negozju tiegħu.

65.B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun trid tistħarreġ jekk dan l-allegat disturb kaġunat minn ħsejjes ikunx wieħed ta' gravita tali li jkun jista' jitqies li jintegra r-reat in kwistjoni. Biex dawn il-ħsejjes ikunu

ritenibbli kriminalment punibbli irid jiġi pruvat li jkunu serji f'sens oġġettiv, irid ikun wieħed sostanzjali u mhux raġonevoli.[21] Inoltre, t-test li għandu jagħmel il-ġudikant għandu jkun wieħed oġġettiv[22] għalkemm fil-każ ta' inkonvenjent kaġunat minn ħsejjes il-Qorti trid tevalwa l-provi skont ix-xiehda tal-persuna jew persuni li jkunu disturbati mill-ħsejjes.[23] Huwa mħolli f'idejn il-ġudikant li jevalwa minn każ għal każ u *in concreto* jekk ikunx hemm l-inkonvenjent ravviżat mill-leġislatur li għandu jiġi evitat, u normalment ma hemmx ħtieġa li jitqabbad espert tekniku.[24]

66. L-appellant jirreferi wkoll għar-rigward ta' talba li kienet għamlet il-parte ċivile quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għall-ħatra ta' espert biex jistabilixxi l-livell tal-istorbju li l-parte ċivile kien qed ibgħati. Dwar din it-talba, din il-Qorti ftit għandha xi tgħid fis-sens illi mill-atti proċesswali ma tirriżultax illi din it-talba ġiet verbalizzata. Di piu' skond is-sentenza imsemmija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Fortun Fava*** ġie deċiż li

> ghall-finijiet ta' l-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-fini ta' l-artikolu 41(2) tal-Kap. 10, l-inkonvenjent li jrid jirrizulta mhux xi haga oggettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fizika, izda ghandu jirrizulta mid-deposizzjoni jew deposizzjoni ta' min ikun qed ibati minn dak l-inkonvenjent. Dak il-hoss li ghall-espert jista' jkun hoss fi grad mnimu, ghal haddiehor u specjalement jekk jikkonkorru certi cirkustanzi bhal per ezempju, mard jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imholli fil-gudizzju prudenti tal-gurdikant li jivvaluta c-cirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-kaz konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed

[21] Ara ***Il-Pulizija vs Michael Grech***, Qorti tal-Appell Kriminali, PV, deċiża nhar is-30 t'April 1998.
[22] Ibid.
[23] Ara ***Il-Pulizija vs Raymond Spiteri***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar l-20 ta' Novembru 1998.
[24] Ara ***Il-Pulizija vs Fortun Fava***, Qorti tal-Appell Kriminali, VDG, deċiża nhar il-5 ta' Frar 1998.

jipprova jipprevjeni l-legislatur bid-dispozizzjoni in dizamina. U dan l-ezercizzju normalment jista' jsir minghajr il-htiega ta' esperti.[25]

67. Mix-xiehda intensa ta' Rosario Apap jirriżulta li huwa kien soġġettivament qiegħed iħossu konsiderevolment disturbat minn dawn il-ħsejjes li kienu qegħdin jirriżultaw fil-ħin tal-mistrieħ tiegħu. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi in bażi għal dawn il-fatti riżultanti l-Qorti tal-Maġistrati setgħet issib lill-appellant ħati tar-reat imsemmi fl-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

68. Illi l-appellant jilmenta wkoll li ma tressqitx prova suffiċjenti dwar ir-responsabbilta' tiegħu fir-rigward tal-ġestjoni jew direzzjoni tal-istabbiliment in kwistjoni. Huwa jtenni li l-provi juru li hu ma setgħax jitqies bħala l-persuna responsabbli peress li huwa kien sempliċiment impjegat mis-'*surveillance*' tal-istabbiliment – u dan żgur ma jinkwadra fil-qafas tar-responsabbilta' legali tal-istabbiliment in kwistjoni. Di piu' jisħaq ukoll li dak li hu stqarr mal-Pulizija jrid jittieħed b'kawtela peress illi ma ġiex imwissi qabel ma għamel dawk id-dikjarazzjonijiet. Finalment l-appellant jindika wkoll illi l-isem tal-kumpanija kif miġjuba mhix korretta u b'hekk ma jistax ikun responsabbli ta' soċjeta' li fl-aħħar mill-aħħar ma teżistix.

69. Illi l-proċeduri ttieħdu kontra l-appellant peress illi meta l-Pulizija marru fuq il-post sabiex jinvestigaw il-kwerela tal-parte ċivile dwar

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-5 ta' Frar 1998 mill-Imħallef Vincent Degaetano.

il-ħsejjes allegati minnu, huma sabu lill-appellant jilqagħhom fil-bieb. L-appellant, minn jeddu, assuma r-responsabbilta' tal-fond in kwistjoni b'mod totali, allavolja saħaq illi huwa kien impjegat tal-kumpanija bħala "*surveillance*".

70. Skont l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta :

> kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga,[26] tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:

71. Minn dan l-artikolu jirriżulta li allavolja l-appellant jgħid li kien impjegat bħala '*surveillance*' u ma kellux kariga maniġerjali fl-istabbiliment, bi kliemu stess huwa kkonferma illi f'dak il-waqt li kienu għamlu l-ispezzjoni l-Pulizija, hu kien qed jagixxi f'kariga li kienet tidher li hija ta' wieħed li kien responsabbli mit-tmexxija ta' dak l-istabbiliment, anke jekk għal ħin partikolari jew limitat. L-appellant saħaq mal-Pulizija li f'dak il-ħin huwa kien responsabbli fl-intier tal-istabiliment; u b'hekk ma kienx biss responsabbli mis-sorveljanza.

72. Għal dak li jirrigwarda l-isem tal-kumpanija in kwistjoni, jirriżulta li l-Pulizija effettivament marru fil-fond in kwistjoni minn fejn huwa ġestit in-negozju de quo u mnejn il-kwerelant ilmenta li minnu kienu ġenerati l-ħsejjes disturbanti li jiksrulu l-mistrieħ tiegħu b'mod partikolari bil-lejl.

[26] Emfazi tal-Qorti.

73. In oltre għal dak li jirrigwarda l-isem tal-istabbiliment, fil-fehma tal-Qorti din ma hija xejn għajr ħlief allegazzjoni insostanzjata bi provi. Kwindi, il-provi tal-Prosekuzzjoni f'dak ir-rigward ma ġewx kontradetti.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' *in parte* l-appell ta' Marvin Speranza, u dan billi filwaqt li tilliberaħ mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu kif bażata fuq ir-regolament 27 tal-Avviż Legali 92 tal-1969 u dan stante li ma kienx applikabbli għall-fatti ta' dan il-każ u tħassar il-piena ta' multa ta' mitt euro ġia komminata lilu in bażi għal dik is-sejbien ta' ħtija, fil-kontemp qegħda ssibu ħati tar-reat kontravvenzjonali kompriż u involut taħt l-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement tikkudannah għal ammenda ta' ħamsin euro (€50).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***